KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 11 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa, 8 ta' Awwissu 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.40p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | Marid | |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 7.50p.m. | 9.30p.m |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | Skużata – xogħol. | |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.45p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.45p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35p.m. | 9.30p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija wara li fis-7.30 kien għadu ma ntlaħaqx il-kworum u s-Sindku tat nofs siegħa fuq il-ħin.

**1.00 Sospensjoni tar-Regolamenti.**

Ġie approvat unanimament li ssir sospensjoni tar-regolamenti u din l-laqgħa tiddiskuti biss iż-żewġ *items* tal-aġenda kif avżati min qabel u ma jsirux *items* oħra statutorji.

**2.00 Rapport – bord t' l-Inkjesta fuq Triq id-Dawr u Triq Stringell**

**2.01** Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qalet li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien tqassam lill-Kunsilliera r-Rapport tal-Bord tal-Inkjesta fuq Triq id-Dawr u Triq Strinġell sabiex il-Kusilliera jkunu jistgħu jarawħ qabel dan jiġi diskuss f'din il-Laqgħa. Waqt il-Laqgħa hija qrat siltiet min dan r-rapport.

2.02 Tpoġġew ukoll fuq il-mejda kopji tal-ittra mill-Prim Ministru lis-Sur Mario Debattista, il-Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Intern bid-data tal 31 ta' Lulju, 2012 u ittra li l-istess Segretarju Permanenti bagħat lis-Sindku u lil-Agent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Dawn l-ittri jirrigwardjaw azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kunsill. Dawn huma:

1. Jitneħħa l-periklu għar-residenti mit-toroq imsemmija,
2. Jitħallas il-kuntrattur V & C tax-xogħilijiet li saru sa issa,
3. Il-ħlas għandu jsir skont it-tender li għandu l-kuntrattur V & C mal-Kunsill.

Is-Sindku infurmat li l-periklu kien diga tneħħa minn dawn it-toroq għaliex il-Kunsill għamel il-patching skond kif meħtieġ u anke sar t-tindif mit-trab. Hija qalet ukoll li l-Perit tal-kunsill ġie mitlub bil-miktub sabiex jerġa jippreżenta ċertifikat għal-ħlas tax-xogħlijiet li saru sa issa mill Kuntrattur V & C bil-prezzijiet kif ordnat fl-ittra tas-Segretarju Permanenti s-Sur Mario Debattista.

Hija fakkret ukoll li kienet saret inkjesta mill-Kunsill u ġew ppreżentati rapport tal-Perit David Pace tal-AME tal-*Health and Safety* u rapport minn avukat indipendenti.

Il-Kunsillier Alexander Muscat irrimarka li dan ir-resume kien tajjeb iżda staqsa x'ser jsir issa wara dan ir-rapport u jekk it-toroq kienux ser isiru. Huwa staqsa jekk il-ħlas li kien ser isir mill-Gvern kienx ikopri biss dawk ix-xogħolijiet li saru sa issa jew jekk jkoprux ukoll il-kisi bit-tarmak ta' dawn it-toroq. Is-Sindku rrispondiet li ma kienx possibli li mill-budget ta' 333,000 ewro li għandu il-Kunsill għal manutenzjoni tat-toroq għall-sena, isir it-tarmak ta' dawn it-toroq. Is-Sindku qalet li l- ispiża sa issa kienet tammonta għal-xi 73,000 ewro imma il-kontijiet kienu għadhom qed jinġabru. Il-kontijiet ha jintbagħtu lill-Gverrn Centrali biex jitħallsu minnhom bħal ma ġie miftiehem.

Hija qalet li dawn it-toroq għandhom jitpoġġew fil-lista tat-toroq li għandhom isiru u meta jkun wasal it-*turn* tagħhom dawn isiru wkoll peress li ma hemmx flus mill-kunsill li jsir ix-xogħol li kien għad baqa xi jsir f'dawn it-toroq.

Il-Kunsillier Mario Sammut qal li huwa jħoss li dawn it-toroq kien hemm bżonn li jsiru u li r-residenti ta' dawn it-toroq għandhom dritt li dawn isiru u l-Gvern Ċentrali għandu jintalab iħallas għalihom.

Il-Kunsillier Muscat talab jistax jsir *resurfacing* u mhux *reconstruction* u għalkemm li kien vera li hemm toroq oħra xi jsiru, dawn għandhom jingħataw priorita. Huwa talab li ssir stima ta' *resurfacing* biss.

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qalet li kien biss l-eks Sindku waħdu u mhux il-Kunsill li wiegħed dawn it-toroq lir-residenti. Il-Perit Buhagiar kien beda bi stima ta' 187,000 ewro u spicca bi 333,000 ewro. Is-Sindku qalet li l-Perit Buhagiar u l-eks Sindku kienu qalu li l-flus kienu ġejjin mill-MEPA u mill-EU Funds meta l-Perit kien jaf li fondi tas-CPPS huma għal-pjazzez u mhux għat toroq. Il-kunsillier Mario Sammut qal li l-Perit Buhagiar ma kient preżenti u għandu jiġi mistieden jattendi sabiex ikun jista jirrispondi. Is-Sindku qalet li l-Perit Buhagiar li kellu kuntratt mal-Kunsill kien qed jikteb fuq Facebook dwar dan il-każ. Il-Kunsillier Sammut qal li dan ma kienx jinteressaħ u l-Kunsillier Joseph Demartino qal li għal kuntrarju dan għandu jinteressaħ.

Il-Kunsillier David Meilaq fakkar li l-Kunsill li s-Sindku bi spejjeż personali tagħha kienet għamlet rapport dwar t-toroq kollha tal-Mosta u dan kien juri li kien hemm bżonn ta' żewġ *budget* ta miljuni u nofs ewro.

Il-Kunsillier Muscat staqsa lis-Sindku x'kienet ser tagħmel sabiex iġġib dawn il-flus mill-Gvern Ċentali

Il-Kunsillier Muscat qal li r-rapport ma kienx jgħid li kien hemm ksur tal-ligi u r-rapport jitfa 60% tal-ħtija fuq id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qalet li dan ir-rapport issa għadda għand l-Avukat Generali tar-Republika u għand il-Kummissarju tal-Pulizija u dawn qed jinvestigaw .

2.03 F'dan il-ħin saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex jkunu jistgħu jitkellmu residenti li kienu preżenti għall-Laqgħa.

**3.00 Materji Finanzjarji, *Management Letter* u Risposta tal-Kunsill.**

3.01 Ġew ippreżentati kopji ta' dawn id-dokumenti (kopji annessi):

*Report to Management 31° December, 2011*
*Proposed Reply to Management Letter (by D. Consulta)*
*Management Accounts December 2011*
*Management Accounts March 2012*
*Management Accounts May 2012*
*Quarterly Financial Report March 2012*
*Summary of Financial Report Janjuary to May 2012*
*Quarterly Financial Report December 2011.*

Il-Kuntrattur Michael Debono li huwa l-Accountant tal-Kunsill intalab jindirizza l-Laqgħa sabiex jispjega dawn id-dokumenti. Huwa qal li wara li saru laqgħat mas-Sindku u mal-Agent Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, huwa intalab jirrevedi d-dokumenti imsemmija hawn fuq u ntalab ukoll li jieħu in konsiderazjoni l-*present* u *future commitments* li ghandu l-Kunsill. Dawn id-dokumenti kif ippreżentati issa kienu juru l-posiżjoni attwali tal-Kunsill. Huwa qal li kienet ser issir ukoll Interim Audit as at 31st May 2012, meta beda l-Agent Segretarju Eżekuttiv kif titlob il-ligi tal-Kunsilli.

Il-Kunsillier David Meilaq irrimarka li filwaqt li dokumenti ippreżentati qabel kienu juru posizjoni posittiva dawn id-dokumenti riveduti issa kienu juru posizjoni ferm negattiva tant li l-*financial indicator* issa kien juri figura ta' 43.33% fin-negattiv meta qabel daw kienu 61% fil posittiv, differenza ta' 100 fil mija!

Il-pożizzjoni finanzjarja skond dawn id-dokumenti issa kienu juru *operating deficit* ta 78,000ewro fil-31 ta' Marzu 2012. Is-Sindku irrimarkat li dan id-deficit ma jinkludix il-333,000 ewro li kienu ħa jintefqu mill-eks Sindku fuq proġett ta' Triq id-Dawr. Dawn l-accounts għandhom jgħaddu u jiġu verifikati mill-awdituri tal-Gvern.

Is-Sur Debono intalab jipprepara Budget għas sena 2012 li dan ma kienx sar u li dan għandu jkun wieħed komparattiv ma dak tas-sena 2011.

Il-Kunsill qabel li tiġi ippublikata press release fuq dak li kien ġie diskuss f'din il-Laqgħa wara li jiġu ikkonsultati l-Kunsilliera kollha.

**10.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid- 9.30 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ħamis, 6 ta' Settembru, 2012.

| | |
|---|---|
| **Dott. Shirley Farrugia** | **John J. Camilleri** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Eżekuttiv** |